Maltese Literature Group Inc.
Grupp Letteratura Maltija Ink.
Incorporation No. A8686H
*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*
**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

# FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 231 :: AWWISSU, 2015

**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Fil-laqgħa ta' Mejju, il-Kumitat u l-membri qablu li minħabba l-ġranet kesħin tax-xitwa u l-maltemp, il-laqgħat ta' Ġunju u Lulju u Awwissu, flok isiru fis-7.30 ta' filgħaxija, isiru **l-aħħar Ħadd tax-xahar wara nofsinhar.** Għal-laqgħa ta' Awwissu ġie deċiż li minflok, issir fir-raba' Ħadd tax-xahar, jiġifieri **il-Ħadd, 23 ta' Awwissu, fil-Boardroom taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fit-2.00 pm.**

## NOFFRU L-KONDOLJANZI TAGĦNA LIL-MEMBRU SALVINA VELLA

Fit-18 ta' Lulju li għadda, il-membru tagħna, Salvina Vella, irċeviet l-aħbar kerha tal-mewt ta' missierha, Frank Fabri, f'Malta. Aħna ningħaqdu flimkien biex noffru l-kondoljanzi tagħna lilha u lill-familja tagħha, kemm hawn u kemm Malta. Agħtih, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.

## ĊERTIFIKAT LILL-GRUPP TAGĦNA

Is-sena li għaddiet, il-PRO tagħna, Paul Vella, ġie mħeġġeġ biex jieħu parti f'konkors għall-Premju Frans Sammut 2014. Huwa ħa ħsieb li jorganizza informazzjoni dwar il-Grupp, speċjalment fuq dak li norganizzaw biex inżommu ħaj l-Ilsien Malti u l-Kultura Maltija, flimkien ma' ħafna ritratti tal-avvenimenti tagħna u diversi kopji tal-Folju li l-Grupp jippubblika darba fix-xahar.



Għalkemm il-Grupp tagħna ma rebaħ l-ebda premju, x-xahar li għadda irċevejna ċertifikat mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Il-kitba fiċ-Ċertifikat tgħid hekk:

**Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol**
**PREMJU FRANS SAMMUT 2014**
**Għall-użu tajjeb tal-Ilsien Malti**
**KATEGORIJA A – ENTITAJIET**
**Dan iċ-ċertifikat jixhed li**
**l-Grupp Letteratura Maltija (Melbourne)**
**ipparteċipa f'dan il-konkors u ssemma b'tifħir.**

Iċ-ċertifikat ġie ffirmat mill-President tal-Bord tal-Ġurija, is-Sur Victor Laiviera u mill-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, l-Onor. Evarist Bartolo.

Il-President, il-Kumitat u l-Membri tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria juru l-apprezzament tagħhom għal dan iċ-ċertifikat. *Ritratt: Paul Vella jippreżenta ċ-ċertifkat lill-President, Dr Victor Sammut.*

## IMRIEŻAQ

Fit-tielet programm tas-sensiela *Imrieżaq*, Charles Coleiro ta tifsir dwar idjomi li kważi għebu għalkollox, fost oħrajn "mara bl-għonnella li qatt ma' taf x'għamlet u x'kellha!". U x'tifsira hemm wara l-kelma "evviva" li ngħidu waqt xi brindisi. F'dan il-programm issemmew xi għeltijiet li għadhom isiru fil-Malti, bħal ngħidu aħna l-prefissi ta' wħud mill-irħula tagħna - niktbu "Ħal Qormi" u mhux "Ħal-Qormi" għax m'hemm l-ebda artiklu mal-isem. Merżuq ieħor idawwal uħud mis-superstizzjonijiet fostna, bħal meta wieħed jgħaddi minn taħt sellum u t-tifsira tal-kelma 'għaġuża'. Nitkellmu dwar is-sengħa tas-'sennien' u mill-festi l-merżuq jurina s-sehem filateliku fil-bolli ta' Malta fejn f'dik tas-26 ċenteżmu, li għadha kemm ħarġet, li turi t-tradizzjoni fil-ħruġ tal-istatwa ta' San Ġorġ t'Għawdex imdawwar bil-weraq tal-palm.

Il-programm *Imrieżaq* jinstema' kull nhar ta' Ħadd fuq Radio Malta, wara l-Aħbarijiet tal-10 am.

Sibna wkoll fuq Facebook: www.facebook.com/imriezaq

# IL-KAPPILLAN TA' TOURS

*Le Curé de Tours* ta' Honoré de Balzac tradott għall-Malti bl-isem ta' Il-Kappillan ta' Tours jagħmel parti mit-taqsima ta' *La Comédie humaine*/Il-Kummiedja Umana ddedikata għall-istudju taċ-ċelebat. F'din it-taqsima jinsabu tliet xogħlijiet jiġifieri: (a) *Le Curé de Tours*/Il-Kappillan ta' Tour (li ġie ppubblikat għall-ewwel darba fl-1832 bl-isem *Les célibataires*/L-Għożżieba); (b) *Pierrette* (1840); u (ċ) *La Rabouilleuse* (1842). Dan hu t-tieni xogħol tradott għall-Malti ta' novella twila mill-pinna ta' Balzac wara li fl-2013 Paul Zahra ttraduċa u ppubblika *La maison du chat-qui-pelote* / Id-dar tal-Qattus bir-Rakketta f'Idu fis-sensiela Kollezzjoni Traduzzjonijiet Letterarji.

Kif jidher b'mod ċar mal-ewwel daqqa t'għajn lejn it-titlu inizjali ta' Il-Kappillan ta' Tours l-interess li wassal lil Balzac biex jikteb din in-novella twila kien dak li jitfa' taħt il-lenti tiegħu ċ-ċelebat kemm dak ċivili (fejn hu jikkonċentra fuq xebba li sa tmiem ħajjitha tibqa' għażba) kif ukoll dak ekkleżjastiku (fejn janalizza l-iżvilupp tal-personalità primarjament ta' żewġ qassisin u l-effett li ċ-ċelebat iħalli fuqhom).

Din il-pubblikazzjoni fiha introduzzjoni minn Zahra segwita b'bijografija qasira ta' Balzac. Il-ktieb fih 118-il paġna u ġew stampati biss 200 kopja. Dan hu t-tielet ktieb fis-sensiela Kollezzjoni Traduzzjonijiet Letterarji.

Kull min jixtieq jixtri kopja bi prezz imraħħas qabel ma jitqiegħed għall-bejgħ fil-ħwienet tal-kotba jista' jikkuntattja lil Zahra f'dan l-email address classicu@live.be.

# TAĦŻIŻ

*TAĦŻIŻ* huwa programm ta' empowerment li jiffoka fuq il-kitba kreattiva. Dan l-aħħar għaddejna bit-tielet seminar ta' *TAĦŻIŻ3*. Matul dan is-seminar, il-parteċipanti ffukaw fuq il-kitba permezz ta' eżerċizzji li jħarrġuhom f'tekniki differenti, filwaqt li l-laqgħat individwali mal-kordinaturi u persuni esperti fil-qasam għinuhom jorqmu l-kitba aħjar. Il-parteċipanti għal din is-sena huma Ryan Farrugia, Joseph Paul Muscat, Francesca Saliba, u Maria Vella. F'dan l-aħħar seminar se jingħaqdu magħna wkoll kittieba oħra li se jiffukaw fuq proġett żgħir tal-kitba bl-għan li ningaġġaw aktar nies u jkollna iktar kitbiet ġodda, bil-Malti. Għal aktar tagħrif dwar il-parteċipanti u dwar l-andament tas-seminars, tinsewx iżżuru l-blogg ta' Taħżiż <<tahziz.wordpress.com>> u l-paġna ta' Facebook << facebook.com/tahziz>>.

*TAĦŻIŻ3* hu programm tal-Aġenzija Żgħażagħ, b'kordinazzjoni tal-Għaqda tal-Malti – Università u l-Fondazzjoni AWL.

## *ITTRI LI NIRĊIEVU...*

Għażiż Paul, Dan il-folju fih biss ħames paġni, imma huma ħames ħitan ta' deheb mastizz, favur ilsienna u l-ħajja u t-tradizzjonijiet Maltin, f'artna Malta u fl-art ferm ikbar u fejn hemm aktar Maltin milli hawn Malta, l-Awstralja. Il-missjoni tiegħek, inti, flimkien mal-bqija tal-istaff, qed taqdiha bl-aħjar mod.
Dan jgħin sabiex il-ħajja Maltija, ma tintilifx fil-kontinent Awstraljan. Bi prosit u sempliċiment tiżżija ħajr ma nkunx qed nagħtikom dak li tassew jixirqilkom, imma kemm il-prosit u kemm il-ħajr, huma għelm ta' apprezzament soċjali li jfissru wkoll u dawn nagħtihomlok minn qalbi. Ibqgħu xandru l-aħbarijiet mat-tagħlim, u tkunu qed iżżommu l-bandiera Maltija tperper ħielsa saħansitra fl-art adottiva tagħkom. B'imħabba:

***Mario Griscti***

Għeżież Salvina u Paul, Grazzi mill-qalb għall-Folju t'aħbarijiet numru 230. Emminni li nkun nistennieh għax inħossni li b'xi mod ningħaqad ma' tant u tant Maltin kemm l-Awstralja u kemm hawn Malta stess. Dak il-ktieb ta' Doris Camilleri dwar il-gwerra huwa tassew tajjeb għax jien qrajtu, ħasra li ma tantx jafu bih il-Maltin ta' hemm. U dan huwa bl-Ingliż, m'għandhomx għax jaqtgħu qalbhom kif jagħmlu meta jaslu biex jaqraw il-ktieb tiegħi dwar il-gwerra 'Sireni u Serenati'. Prosit u ibqgħu sejrin diment li tifilħu. Il-Bambin jagħtikom mitt saħħa. Tislijiet

***Lina Brockdorff***

Għażiż Paul, Nirringrazzjak u nifraħlek għall-ħarga ta' Lulju tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria. Nawguralek li tissokta b'din il-ħidma tassew siewja għaliex tqarreb lill-Maltin imbiegħda minn xulxin, imma dejjem imsieħba flimkien bis-saħħa tal-kelma mgħoddija lilna minn niesna.
Inselli għalik ħafna.

***Prof. Oliver Friggieri***

Grazzi ħafna u bħas-soltu PROSIT tassew. Il-Folju t'Aħbarijiet tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria mimli informazzjoni utli u għandu livell għoli. Ibqgħu sejrin hekk. Tislijiet,

***Prof. Rena Balzan,***

**Jekk toqgħod Melbourne u tixtieq issir membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ċempel lis-Segretarja, Rosemary Attard fuq 9338-3920. Nixtiequk tkun magħna.**


State Government Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV
**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**

# KRITIKA PRATTIKA - *Nebħ Kritiku Dwar Il-Poeżija*




Maltija ta' Żmienna (L-ewwel Volum). Andrew Sciberras u Tarcisju Zarb għadhom kemm ippubblikaw l-ewwel volum minn erba' tal-ktieb intitolat 'Kritika Prattika - Nebħ Kritiku Dwar Il-Poeżija Maltija ta' Żmienna (L-ewwel Volum)'. L-għan ta' dawn il-volumi hu li jittrattaw dawk il-poeti li ppubblikaw xogħolhom post-Indipendenza.

Nistgħu ngħidu li kien suċċess kbir għall-ktieb tal-kritika. Bejn kotba u PDF s'issa wasal għand aktar minn 800 ruħ.

Fid-daħla tal-ktieb, il-kittieb Palestinjan, Walid Nabhan, qalilna li, "jingħad sikwit li l-kritika letterarja hija d-depożitarju tal-letteratura, jew l-'għassies fitt' tagħha meta xxaqleb favur ir-riċerka u r-rettezza xjentifika. Hu minnu li l-analiżi testwali mhijiex proċess indipendenti jew ħieles kompletament, speċjalment f'ambjent etnografikament u ġeografikament ċkejken bħal Malta, fejn l-intervenzjoni kritika ma trid xejn biex tinqaleb f'taħdita msawra f'eloġju minflok kritiċiżmu bennej, nassa li sfortunatament, daħlu għaliha għadd kbir ta' awturi u akkademiċi, b'riżultati mhux ammirevoli meta tqis it-tul ta' żmien mhux ħażin li nħteġilha l-Letteratura Maltija biex setgħet ittawwal rasha mill-fosdqa. F'dan ir-rigward, inħoss li m'għandu qatt ikollna kantunieri ġaladarba nafu kemm huwa diffiċli biex temmen li għasfur wieħed jew tnejn jagħmlu rebbiegħa, jew li Malta qatt kellha dan il-kompitu indipendenti fejn il-kritiku hu ħieles u konxju li l-kritika u l-kreattività mhumiex l-istess ħaġa, avolja għadu qed jiġi argumentat li l-kritika hija forma oħra ta' kreattività fiha nnifisha u mhux biss sempliċiment riproduzzjoni tal-kreattività. Ejja naslu ngħidu li organikament it-tnejn jiġu minn xulxin b'xi mod jew ieħor imma ma jseħħux fuq l-istess pjattaforma ta' intellett, u li waħda ma tikkanċellax lill-oħra lanqas, anzi waħda għandha bżonn lill-ħġieġ tal-oħra biex tara lilha nnifisha. Kritika taf tkun kumplessa aktar mill-kreattività – proċess li ġieli jseħħ spontanjament – mentri l-kritika hi proċess deliberat li jirrikjedi ħafna għarfien u konoxxenza mhux biss dwar il-prodott kreattiv innifsu, iżda wkoll dwar l-aħjar metodoloġija applikabbli għat-testi kandidati. B'daqshekk m'aħniex ngħidu li test jaċċetta approċċ partikolari u jirrifjuta ieħor, imma l-għodda dejjem tagħmel xi differenza; spatula u mqass mhux l-istess, avolja t-tnejn jaqtgħu. Fl-assenza ta' kritika onesta u 'newtrali' mhux faċli għal wieħed biex jemmen li test letterarju kapaċi jimmatura minn jeddu".

## *Jikteb Peter Borg minn Malta…*

Dawn ta' hawn taħt huma tliet links li dehru fit-Torċa u n-Newsbook.com.mt dwar il-ġonna ta' Villa Frere:

Artiklu ta' Sandro Mangion fit-Torċa

[http://www.torca.com.mt/FullArticle.php?ID1=%27Ahbarijiet%27&ID2=46835]

Artiklu ta' Fiona Vella fit-Torċa

[http://www.torca.com.mt/oldarticles/article46263.html]

Ritratti: Il-ġnien moħbi u abbandunat f'San Luqa

[http://www.newsbook.com.mt/artikli/2014/3/8/ritratti:-il-gnien-mohbi-u-abbandunat-f'san-luqa.15643/]

Għalissa dawn it-tliet artikli biss li dehru fil-ġurnali Maltin dwar Villa Frere.

# PREMJU UNIKU LILL-GĦAQDA POETI MALTIN

Waqt Serata Kulturali li saret il-Ġimgħa, 3 ta' Lulju 2015, fis-sala tas-Soċjetà tal-Arti, Palazzo de la Salle, il-Belt, saret il-konsenja tal-Premju *Cibo di Conoscenza* lill-Għaqda Poeti Maltin għall-kontribut importanti tagħha favur kultura fuq d-Drittijiet Umani u fuq is-Solidarjetà.

Il-Premju kien ingħata lill-Għaqda Poeti Maltin fis-6 ta' Novembru 2014, waqt *Serata di Solidarietà per l'UNICEF*, li saret f'Genova, l-Italja, u li kienet organizzata mis-*Società Scappi's*, flimkien mal-Amministrazzjoni tar-Reġjun tal-Liguria u l-*Ente Fiera*.

Dakinhar Dr Roberto Malini rċieva l-Premju f'isem l-Għaqda Poeti Maltin. Minħabba li Dr Malini kien indispost, il-konsenja tal-Premju lill-Għaqda Poeti Maltin saret minn Dario Picciau, Ambaxxatur tal-UNICEF, waqt is-Serata Kulturali li saret Malta.



***Fir-ritratt jidher Charles Magro, President tal-Għaqda Poeti Maltin, jirċievi l-Premju mingħand Dario Picciau, Amabaxxatur tal-UNICEF.***



*Il-laqgħa ta' Lulju*

**Nirringrazzja lil Joe Borg, Patrick Sammut u ħafna oħrajn għat-tagħrif fuq il-letteratura Maltija f'Malta li nirċievu mingħandhom. Grazzi wkoll lil Rose Lofaro għall-għajnuna li nirċievi. Grazzi u napprezza.**

## OLANDIŻ JEW NETHERLANDIŻ?... IL-KUNSILL TAL-MALTI JIĊĊARA

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti qal li jagħraf li l-Olanda hi l-aktar forma komuni mal-Maltin u bl-ebda mod mhu jissuġġerixxi lill-Maltin biex jużaw in-Netherlands u Netherlandiżi minflok l-Olanda u l-Olandiżi. Dawn jistgħu jibqgħu jintużaw f'kull kuntest li mhuwiex politiku jew legali.

Fi stqarrija l-Kunsill qal li jixtieq jiċċara li l-għażla tiegħu għall-isem "Netherlands" fil-lista bl-ismijiet tal-pajjiżi – li hi parti mill-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali tal-Unjoni Ewropea – hi maħsuba għat-tradutturi tal-Unjoni Ewropea u għal-leġiżlaturi li jeħtieġu forma waħda standard, korretta politikament u ġeografikament għal kull isem ta' pajjiż, biex tintuża b'mod standard fil-liġijiet, id-direttivi, it-trattati u pubblikazzjonijiet oħra li jorbtu legalment; mhux għal kull pubblikazzjoni oħra li mhix legali (eż. letteratura, ġurnaliżmu, kotba tat-tfal, fuljetti tal-ivvjaġġar, eċċ.).

Fil-każ ta' dan il-pajjiż, l-Olanda hi biss parti mir-Renju tan-Netherlands, u allura jekk liġi tuża dan l-isem u l-aġġettiv Olandiż/a/i ma tkunx qed tirreferi għaċ-ċittadini tal-pajjiż kollu imma għar-residenti ta' din il-parti biss tal-pajjiż. Dan sar fil-lista ta' kull lingwa uffiċjali tal-UE u mhux għall-Malti biss. Għalhekk, ladarba l-Kunsill għal dawn il-kuntesti politiko-legali biss għażel in-Netherlands, meta ġie għall-aġġettiv taċ-ċittadini tal-pajjiż, żamm l-aktar wieħed li jikkorrispondi: Netherlandiż/a/i. Din il-forma hi mibnija bl-istess mod kif ilhom jinbnew aġġettivi oħrajn minn nomi propji fil-Malti, bħal Shakespearjan, Freudjan, Marxista, Stricklandjan, u diversi oħrajn.

Din l-għażla saret b'mod studjat, bil-prinċipju li l-Malti jkollu forma aġġettivali uffiċjali għaċ-ċittadini tad-dinja, waqt li jżomm il-forma prepożizzjonali (jiġifieri, f'dal-każ, min-Netherlands) li hi dejjem possibbli. L-istess kif f'Malta, ngħidu aħna, nistgħu nirreferu għal xi ħadd kemm 'Żejtuni' kif ukoll 'miż-Żejtun' jew 'Naduri' kif ukoll 'min-Nadur', u l-bqija. Forma waħda ma teskludix lill-oħra. Fil-Malti għandna numru ta' ismijiet ta' pajjiżi oħra simili li għandhom aktar minn forma waħda possibbli, bħalma huma ir-Renju Unit u l-Ingilterra, l-Ukrajna u l-Ukraina, u oħrajn. Fil-fatt, bħalissa l-Kunsill qed jiġbor lista b'dawn il-forom differenti ħajjin kollha tal-ismijiet Maltin biex min jikteb bil-Malti jkollu gwida ċara tal-varjazzjonijiet li jeżistu f'xi wħud, ilkoll possibbli.

Din il-lista se tkun aċċessibbli fil-ġimgħat li ġejjin mis-sit elettroniku tal-Kunsill biex tintuża mill-pubbliku ġenerali li, fil-biċċa l-kbira tiegħu ma jiktibx pubblikazzjonijiet legali tal-Unjoni Ewropea.

Dwar il-kliem mill-Ingliż fil-Malti, il-Kunsill għadu ma ħa l-ebda deċiżjoni, imma konxju ħafna mid-diffikultajiet li jeżistu fil-kitba ta' dan il-kliem. Fil-fatt, organizza numru ta' laqgħat u seminars pubbliċi (li wasslu għal ġabra ta' fehmiet differenti, li hi aċċessibbli wkoll mis-sit tal-Kunsill stess:http://kunsilltalmalti.gov.mt/filebank/documents/il-ktieb_finali_sa%20Nov%2008.pdf). Il-kumitat li twaqqaf apposta mill-Kunsill biex jiddiskuti u jistudja dan is-suġġett u l-fehmiet kollha tal-pubbliku li daħlulna issa wasal biex jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

## GĦAQDA TAL-MALTI — UNIVERSITA`

Bħala Kumitat tal-Għaqda tal-Malti – Università nixtiequ nesprimu l-opinjoni tagħna dwar id-dokument ta' konsultazzjoni fuq l-Ilsien Malti.

Bħala Kumitat nemmnu li lsienna jeħtieġ entità governattiva magħmula minn persuni kompetenti bħalma hu l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. Għalhekk, jinkwetana l-fatt li d-dokument imniedi nhar l-4 ta' Lulju 2015 jinħass li hu intiż ukoll biex jixħet dubji dwar l-irwol tal-Kunsill, aktar u aktar meta dan id-dokument huwa miktub b'irresponsabbiltà u b'nuqqas ta' kompetenza. L-ewwel verżjoni tad-dokument li xxandret kienet miżgħuda żbalji li jvarjaw minn dawk ortografiċi, għal fattwali, u l-argumenti fid-dokument huma anki issa, fit-tieni verżjoni, ibbażati fuq impressjonijiet popolari aktar milli għarfien sħiħ tal-lingwa. Filwaqt li nifhmu li lkoll inħobbu lsienna, ma jfissirx li lkoll nafu l-aħjar ġid għalih.

Min-naħa l-oħra l-Kumitat jemmen li l-Kunsill għandu fost l-aħjar esperti sabiex jieħdu deċiżjonijiet sana dwar ilsienna. Il-Kumitat jirrispetta d-deċiżjonijiet tal-Kunsill, kemm għax jemmen li hemm nies kompetenti, kif ukoll għax id-deċiżjonijiet li ttieħdu dejjem kienu infurmati sew. Jidhrilna li l-Kunsill dejjem qagħad attent sabiex jiddistingwi bejn linji gwida għal ortografija ta' natura teknika ħafna, ngħidu aħna fil-qasam legali, u l-ortografija popolari. Dan waħdu huwa xhieda tal-ħiliet tekniċi tal-membri tal-Kunsill u s-sensittività tagħhom lejn l-utenti tal-Malti li ma jaħdmux biss f'oqsma tekniċi.

Wara kollox, ħafna Maltin huma kelliema nattivi tal-Malti, u ħadd ma jaf il-lingwa daqshom. Imma ftit Maltin huma lingwisti kkwalifikati, u ħadd ma jaf il-lingwistika daqshom.

*—Il-Kumitat, Għaqda tal-Malti - Università*

## LAQGĦA ĠENERALI U KUMITAT ĠDID GĦALL-GĦAQDA TAL-MALTI — UNIVERSITA`

Laqgħa Ġenerali u Kumitat Ġdid għall-Għaqda tal-Malti - Università

Wara sentejn ta' ħidma sfiqa mill-Kumitat 2013-2015, nhar it-18 ta' Lulju 2015 saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali f'Dar l-Ewropa. Minbarra li l-laqgħa serviet biex jiġi apprezzat ix-xogħol eċċezzjonali li l-Għaqda wettqet matul is-snin li għaddew, fiha ġie elett kumitat ġdid biex ikompli jaħdem bl-għan li jippromwovi l-Malti u l-oqsma kollha marbuta miegħu.

Il-Kumitat il-ġdid jixtieq jirringrazzja lill-membri tal-Kumitat preċedenti tal-impenn tagħhom, filwaqt li qed iħares 'il quddiem għal aktar ħidma fis-snin 2015-2017. Dawn huma l-membri maħtura u l-karigi li se jkunu qegħdin jokkupaw: Dr Bernard Micallef (Kap tad-Dipartiment tal-Malti), Dorianne Bonello (President), Dorianne Bartolo (Viċi President), Kit Azzopardi (Segretarju), Alvin Vassallo (Teżorier), Dorothy Bezzina (Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi), Theresa Abdilla, Beverly Agius u Leanne Ellul (membri tal-Kumitat). Il-ħeġġa u l-kwalitajiet diversi ta' dan il-kumitat żagħżugħ jawguraw tajjeb għal aktar ħidma fis-snin li ġejjin.

L-Għaqda tħeġġeġ lil kull min għandu għal qalbu l-għanijiet u l-ħidmiet tagħha, speċjalment fost l-istudenti, sabiex jissieħbu fiha u jagħtu sehemhom. L-applikazzjonijiet, li jistgħu jitniżżlu minn fuq is-sit tal-Għaqda (http://www.ghaqdatalmalti.org/shubija.htm), għandhom jinbagħtu lit-Teżorier fuq:

421, Ave Maria, Triq San Tumas, Ħal Tarxien TXN1609

Inħeġġukom issegwu l-Għaqda kontinwament u żżommu kuntatt permezz ta'

Facebook (www.facebook.com/ghaqdamalti);

Twitter (www.twitter.com/ghaqdamaltiuni)u

YouTube (www.youtube.com/ghaqdatalmaltiuni).

Tistgħu wkoll tibagħtu ittra elettronika fuq ghaqdatalmalti@gmail.com.

Sadanittant, l-Għaqda għadha għaddejja bil-ħidma tagħha fuq Leħen il-Malti (Għadd 34), ir-rivista ewlenija tagħha; il-proġett TAĦŻIŻ3, li fih il-parteċipanti jkollhom iċ-ċans jitħarrġu b'mod sħiħ fil-proċess tal-kitba kreattiva; kif ukoll l-inizjattiva Sinteżi, li twaqqfet bl-għan li r-riċerka ta' studenti universitarji tkun aċċessibbli għall-pubbliku.

Il-Kumitat jieħu din l-opportunità biex jirringrazzjaw lill-membri, il-kontributuri u s-sostenituri tal-Għaqda għall-appoġġ tagħhom u l-parteċipazzjoni fl-attivitajiet li torganizza.

## LEJLA GĦALL-QAMAR KWINTA

Nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Lulju, fit-8:00pm saret Lejla ta' divertiment fil-bitħa ewlenija tal-Campus tal-Università, fix-Xewkija, Għawdex. Lejla Għawdxija għall-Qamar Kwinta.

Ħadu sehem bil-kant tagħhom: Corazón, Walter Micallef u l-grupp Għawdxi ta' Ruth Portelli. Inqraw ukoll versi sbieħ magħżulin għal lejla bħal din.

Ħafna attendew fejn flimkien qasmu l-ħolm ta' Lejla għall-Qamar Kwinta fil-frisk tal-bitħa sabiħa tal-Campus. Id-dħul kien b'xejn


**Il-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria**

*qed jorganizza*

**PROGRAMM MUŻIKO-LETTERARJU**

**Nhar il-Ħadd, 20 ta' Settembru, 2015**

**fis-Sala taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-2.00 pm**

*Kulħadd mistieden li jattendi u ġibu lil tal-familja u*

*lill-ħbiebkom magħkom — **DĦUL B'XEJN***


**TINSEWX! IL-LAQGĦA TA' DAN IX-XAHAR SE TKUN NHAR IL-ĦADD, 23 TA' AWWISSU, FIĊ-ĊENTRU MALTI TA' PARKVILLE, FIS-2.00 PM. NARAWKOM HEMM.**